# STRENGTHENING INVOLVEMENT

# of representatives of employees

# in information and consultation

VS-2018-0043

# Case study

## Italy Report

FAI CISL

Via Tevere 20

00198 Roma

Italy

Rome, 15 November 2018

**Strengthening Involvement project (DG Employment-VS/2018/0043). This project has been funded with support from the European Commission. This publication [communication] reflects the views only of the author, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.**

**INTRODUZZJONI**

Il-prodotti tal-ikel jibqgħu fuq nett fis-settur tal-bejgħ tal-marka *Made in Italy* madwar id-dinja. Is-settur tal-ikel juri tkabbir eċċezzjonali, u bid-differenza ta' setturi oħra fl-Italja, wera li hu kapaċi jżomm il-ħaddiema u l-produzzjoni.

Se nippreżentaw ċerti figuri biex niddeskrivu aħjar l-evoluzzjoni tas-settur tal-Ikel fil-qafas tal-ekonomija tagħna. L-industrija tal-Ikel timpjega madwar 465 elf ħaddiem u tikkonsisti fi 58,000 kumpanija madwar l-Italja.  Fl-aħħar snin, is-settur tal-Ikel ikkonferma li għandu l-aktar karatteristika prezzjuża, jiġifieri li jistabbilizza l-livell ta' impjiegi tiegħu u grosso modo jżommu mhux varjat. Fl-istess perjodu, l-Italja sofriet it-telf ta' madwar miljun impjieg. Madankollu, mill-2007 is-settur tal-Ikel tilef biss 20,000 impjieg, li ħafna minnhom kienu minħabba tnaqqis fil-fatturat.

Il-piż tas-settur tal-Ikel fuq il-bilanċ kummerċjali hu 135 biljun ewro kull sena, li minnhom 60 biljun jikkorrispondu għall 500 kumpanija kbira biss. Dan ifisser li s-sitwazzjoni fis-settur hi estremament polarizzata u, fl-istess waqt frammentata, li turi kemm ftit kumpaniji kbar, li huma dominanti, iżda wkoll ammont enormi ta' kumpaniji żgħar u ta' daqs medju li jimmiraw li jiksbu l-eċċellenza, li minflok jindirizzaw is-suq tal-massa jtejbu l-bejgħ ta' oġġetti apprezzati ħafna.

L-aħjar mod biex tiġi appoġġjata l-istruttura tal-SMEs f'pajjiżna hu li tiġi msaħħa s-sistema tas-sottokuntrattar tat-tieni livell, li ssaħħaħ il-produzzjoni fuq bażi nazzjonali u tirreżisti l-proċeduri ta' trasferiment tal-impjant barra mill-pajjiż.

Is-sitwazzjoni kellha impatt pożittiv anki fir-relazzjonijiet industrijali, li f'ħafna gruppi industrijali huma tajbin. Dan il-fatt ippermettilhom li jkollhom flessibbiltà operazzjonali notevoli. Forsi l-iktar karatteristika essenzjali hi li l-industriji ta' dawk il-kumpaniji tas-settur tal-ikel jikkooperaw mill-qrib mal-farms agrikulturali Taljani, minn fejn jixtru madwar 72% tal-materja prima li jużaw. Dan il-fattur jimmotiva bis-sħiħ lill-kumpaniji b'mod sistematiku u jinterkonnettjahom. Dan isostni wkoll l-eċċellenza tal-produzzjoni u l-kapaċità tal-kumpaniji biex jieħdu vantaġġ tal-forza tax-xogħol kwalitattiva eżistenti.

Bħala riżultat, biex jagħtu prova li l-esportazzjoni hi parti integrali minn din is-sistema, insemmu l-fatt li mis-sena 2000 'il hawn, il-bilanċ medju tal-esportazzjonijiet fis-settur tal-Ikel għandu ritmu doppju meta mqabbel ma' dak rispettiv tal-kumplament tas-setturi industrijali. Fl-2017 l-esportazzjonijiet laħqu r-rekord ta' 41 biljun ewro. Minflok, il-produzzjoni tbati minn konsum intern dgħajjef.

Għal din ir-raġuni, fl-aħħar snin il-kumpaniji tagħna kienu obbligati li jkunu riorganizzati, permezz ta' razzjonalizzazzjoni tal-kostijiet, b'mod partikolari l-kost tax-xogħol, u biex ikunu jistgħu jiffaċċjaw dik is-sitwazzjoni, it-trejdjunjins kellhom jirrispondu biex jiddefendu lill-impjegati u lill-ħaddiema.

Is-suċċess tas-settur tal-ikel Taljan, hu bbażat fuq kompetenza unika, li tgħaqqad it-tradizzjoni mal-innovazzjoni, mal-karattru distintiv u mat-teknoloġija. Din ir-riċetta, li m'hemmx bħala fid-dinja, tista' tinstab f'aktar minn 760 prodott b'denominazzjoni ta' oriġini protetta. Is-settur ikkapitalizza dan il-vantaġġ billi ppożizzjona lilu nnifsu għall-preferenzi tal-frazzjoni ta' fuq tal-konsumaturi fid-dinja.

Illum il-ġurnata, madwar terz tal-fatturat annwali tas-settur tal-Ikel jikkorrispondi għal prodotti, li fihom l-innovazzjoni tilgħab rwol ewlieni. L-innovazzjoni żżid il-valur tal-"prodotti tal-ikel tradizzjonali". Il-kumpaniji huma esposti għal riskji relatati mal-kriżi ekonomika, mal-movimenti ċentrifugali tal-kompetizzjoni globali, biex ma nsemmux il-

kompetizzjoni minħabba imitazzjonijiet u prodotti foloz, l-hekk imsejħa *Italian sounding*. Biex dawn ir-riskji jinbidlu f'opportunitajiet, huwa utli li jiġu introdotti mudelli ġodda li jgħaqqdu l-kultura mal-għarfien lokali, jiġu orjentati lejn is-sostenibbiltà u b'dan il-mod, li l-kompetizzjoni tiġi ripożizzjonata fuq l-istandards tal-kwalità u fuq il-bażi li l-benefiċċji jiġu diffużi permezz ta' netwerks sodi ta' kollaborazzjoni.

Studju tal-Każ Perugina

GRUPP NESTLE

| | |
|---|---|
| Numru ta' impjegati | 860 |
| Numru ta' impjanti fl-Italja | 1 |
| Sede | Perugia |
| Ftehim Kollettiv | Industrija tal-ikel |
| Ftehim kollettiv ibbażat fuq il-kumpanija | Grupp Nestle |
| Rappreżentanza tat-trejdjunjin magħquda | Rappreżentanza tat-trejdjunjin unifikata |
| Koordinazzjoni ta' grupp | Iva, Nestle |
| EWC | Iva, Nestle |
| Dinamiċi tal-kumpanija li jirreferu għal konsultazzjoni | Iva |

Fl-1988 il-parti Taljana tal-Grupp Nestle xtrat lill-kumpanija Perugina, li kienet tinsab f'Perugia, fl-Umbria, u irnexxielha tagħmilha wieħed mill-iktar impjanti ewlenin tal-produzzjoni taċ-ċikkulata Nestle fl-Ewropa.

F'Nestle, u b'mod aktar speċifiku, f'Perugina, it-trejdjunjoniżmu hu qawwi u hemm relazzjonijiet ta' trejdjunjin tajbin fuq livell lokali, nazzjonali u Ewropew. Fl-2016 Perugina kellha 860 impjegat, li minnhom 600 kienu full-time u l-bqija b'kuntratti part-time. Ma' dawn l-impjegati wieħed jista' jżid madwar 150 ħaddiem staġjonali, l-iktar għall-perjodu tal-Għid.

F'April 2016, ġie ffirmat ftehim bejn tliet partijiet, li ppreveda li bi skambju ta' investiment ta' €60 u t-twaqqif ta' Dipartiment tal-Ħelu Ewlieni (Core Confiseries):

- Il-produzzjoni tal-karamella (Rossana, Glacia, eċċ.) tingħata lil FIDA (kumpanija mill-Piemonte)
- Il-gallettini (Ore Liete) jingħataw lil PISELLI (kumpanija fl-Umbria).

Kien hemm diversi laqgħat previsti biex jiġu evalwati sitwazzjonijiet differenti rigward is-sensji. Fi ftit xhur il-maniġment ikkomunika mat-trejdjunjins li kien se jkun hemm 360 sensja. It-trejdjunjins bdew ġlieda kontra dawn is-sensji, bl-involviment ukoll tal-istituzzjonijiet lokali u nazzjonali. Huma organizzaw Assembleji Ġenerali tal-impjegati u diversi laqgħat istituzzjonali. Il-Ministeru għat-Tkabbir Ekonomiku, waqt li rrisponda għall-appell tat-trejdjunjins fetaħ sessjonijiet bil-preżenza tal-maniġment tal-kumpanija. L-impenn tagħna kien estiż biex jinkludi l-belt kollha ta' Perugia, permezz tal-organizzazzjoni ta' manifestazzjoni, li fiha pparteċipaw numru kbir ta' ċittadini u rappreżentanti tal-forzi politiċi kollha, li saret fiċ-ċentru storiku tal-belt. Din saret id f'id ma' inizjattivi oħra tat-trejdjunjins, eż. li jiġu infurmati l-istdenti fl-iskejjel dwar l-importanza tal-kumpanija għal Perugia u l-impatt ta' dawn l-evoluzzjonijiet fuq il-belt innifisha. It-trejdjunjins ħadu wkoll azzjoni industrijali, bħal strajks, waqfien straordinarju, waqfien flessibbli eċċ.

Bejn l-aħħar tal-2016 u l-ewwel xhur tal-2017, iltqajna mal-maniġment biex noffru l-opzjoni ta' riżenja volontarja mill-kumpanija lil impjegati b'€60,000 kumpens għall-impjegati full-time u somma proporzjonata għal dawk part-time, li kienu impjegati tal-

inqas 75% tal-full-time. Ma' din żidna l-opzjoni għal "irtirar" kmieni ta' impjegati ta' ċerta età (sistema Iso pensione, li biha l-kumpanija tħallas lill-impjegat somma kull xahar ugwali għall-pensjoni tiegħu flimkien mal-assigurazzjoni soċjali tiegħu). Inċentiv ieħor kien it-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol b'50% u li jirċievu ritorn addizzjonali ta' €5,000 kull sena għal 5 snin.

Dawn il-miżuri kollha ppermettew li 40 persuna tibbenefika minn Iso-pensione, 150 persuna telqet mill-kumpanija b'mod volontarju billi ħadet il-kumpens tas-sensja msemmi hawn fuq u 150 persuna bidlu l-kuntratti full-time jew il-kuntratti ta' 75% tax-xogħol full-time għal kuntratti part-time ta' 50%. Dawn is-soluzzjonijiet, għalkemm ta' wġigħ il-qalb għat-trejdjunjin u l-impjegati, ippermettewlhom li jiffaċċjaw sitwazzjoni drammatika u jibdluha f'miżuri sopportabbli fit-terminu medju.

Dawn is-soluzzjonijiet taw lit-trejdjunjins il-possibbiltà li jipprevedu strateġiji ta' re-integrazzjoni ta' persunal, li kumpanija strateġika u simbolu lokali tinżamm ħajja.

Studju tal-Każ San Benedetto

San Benedetto

| | |
|---|---|
| Numru ta' impjegati | 2.100 |
| Numru ta' impjanti fl-Italja | 6 |
| Sede | Scorze (Veneto) |
| Ftehim Kollettiv | Industrija tal-Ikel |
| Ftehim kollettiv ibbażat fuq il-kumpanija | Ibbażat fuq l-impjant |
| Rappreżentanza tat-trejdjunjin magħquda | Rappreżentanza tat-trejdjunjin unifikata |
| Koordinazzjoni ta' grupp | Le |
| EWC | Iva (reċentement) |
| Dinamiċi tal-kumpanija li jirreferu għal konsultazzjoni | Iva |

Il-kwartieri ġenerali tal-kumpanija jinsabu fir-reġjun ta' Scorze f'Venezja (Veneto, fit-Tramuntana tal-Italja). Hi għandha 6 impjanti fl-Italja u oħrajn addizzjonali fi Franza u fi Spanja.
Fl-Italja għanda 2,100 impjegat, li 60% minnhom għandhom kuntratti ta' xogħol indefiniti u l-bqija huma ħaddiema staġjonali jew temporanji.
Il-preżenza tat-trejdjunjins hi b'saħħitha ħafna, b'FAI CISL u FLAI CGIL li għandhom ħafna membri. Rappreżentanza unifikata tat-trejdjunjins (RSU) ġiet eletta skont il-liġi u ħadet f'idejha r-relazzjonijiet mal-maniġment tal-kumpanija.
F'San Benedetto hemm EWC (Kunsill Ewropew tax-Xogħolijiet), stabbilit ftit snin ilu, li beda jaħdem fuq livell Ewropew.
M'hemmx ftehim kollettiv wieħed ibbażat fuq il-kumpanija li jkopri lill-impjegati kollha li jaħdmu fis-6 impjanti Taljani. Kull impjant għandu ftehim kollettiv. B'mod speċjali l-impjant fi Scorze, li għandu 1,600 impjegat, ilu snin jiffirma l-ftehim kollettiv tiegħu tat-tieni livell ibbażat fuq il-kumpanija.
Minħabba r-riorganizzazzjoni tal-produzzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-kostijiet, il-kumpanija kkomunikat li kellha bżonn tingaġġa madwar 30 persuna. Dan beda konfrontazzjoni miftuħa bejn il-maniġment tal-kumpanija fuq naħa u l-RSU (ir-rappreżentanza tat-trejdjunjin unifikata) kif ukoll il-federazzjonijiet tat-trejdjunjins fuq in-naħa l-oħra. Ir-rappreżentanti tal-impjegati sostnew li l-ingaġġar ta' persunal ġdid għandu jkun dirett u li l-maniġment m'għandux juża kuntratti ta' xogħol temporanji jew b'terminu fiss. Il-problema kienet eżaminata b'mod pożittiv wara l-proċedura ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni. RSU kellha rwol ewlieni, iżda rappreżentanti esterni tal-konfederazzjonijiet tat-trejdjunjins kienu preżenti b'mod kostanti wkoll.
Hi tat prova li r-rikors għal istituzzjonijiet pubbliċi b'mod speċjali għall-ispettorat tax-xogħol li jeżamina tilwim fuq xogħol, ma kienx neċessarju f'dan il-każ. Iż-żewġ partijiet waslu għal ftehim komuni, li ppreveda li l-kumpanija tingaġġa 30 persuna direttament b'kuntratt ta' apprendistat u li ż-żewġ partijiet jikkommettu lilhom infushom li jimmonitorjaw b'mod kostanti kif sejrin l-apprendisti f'xogħolhom u li dawn ikunu reklutati jekk l-evoluzzjonijiet fil-produzzjoni u fin-negozju jkunu jippermettu dan.

Matul din il-konfrontazzjoni u tilwima, l-impjegati ta' San Benedetto kienu infurmati b'mod kostanti permezz tal-Assembleji Ġenerali u ta' avviżi.
Fl-istess waqt, il-komunità lokali kienet infurmata wkoll b'mod kemm jista' jkun preċiż permezz ta' konferenzi stampa u ta' intervisti fil-midja tal-massa.

Studju tal-Każ Ferrero

FERRERO

| | |
|---|---|
| Numru ta' impjegati | 6,000 |
| Numru ta' impjanti fl-Italja | 4 |
| Sede | Alba |
| Ftehim Kollettiv | Industrija tal-Ikel |
| Ftehim kollettiv ibbażat fuq il-kumpanija | Tal-Grupp |
| Rappreżentanza tat-trejdjunjin magħquda | Rappreżentanza tat-trejdjunjin unifikata |
| Koordinazzjoni ta' grupp | Iva |
| EWC | Iva |
| Dinamiċi tal-kumpanija li jirreferu għal konsultazzjoni | Iva |

Fl-Italja, il-kwartieri ġenerali tal-kumpanija jinsabu f'Alba, iżda l-kumpanija omm tinsab fil-Lussemburgu Fl-Iatlja hemm 4 impjanti li jimpjegaw madwar 6,000 impjegat. L-impjanti jinsabu fil-Piemonte, fil-Lombardia, fil-Campana u fil-Molise.

Madwar 55% tal-persunal għandhom kuntratti ta' xogħol bi żmien indefinit, filwaqt li l-bqija għandhom kuntratti ta' żmien fiss, li jvarjaw minn 6/7 xhur sa 3 xhur fis-sena.

Il-preżenza tat-trejdjunjins hi b'saħħitha u struttura sewwa. It-tliet Konfederazzjonijiet CGIL, CISL u UIL għandhom kważi l-istess numru ta' membri. Fil-kumpanija hemm RSU b'rappreżentanza tat-trejdjunjin unifikata, li tieħu ħsieb in-negozjar kollettiv u tiffirma l-ftehim kollettiv ibbażat fuq il-kumpanija, li hu ftehim tat-tieni livell li jtejjeb id-dispożizzjonijiet tal-ftehim kollettiv għall-Industrija tal-Ikel.

F'Ferrero hemm EWC, li issa ilu jopera għal ħafna snin. Dan jiltaqa' diversi drabi fis-sena f'siti differenti tal-kumpanija fl-Ewropa.

Il-ftehim kollettiv ibbażat fuq il-kumpanija jirregola ħafna kwistjonijiet relatati mal-organizzazzjoni tax-xogħol, il-benesseri tal-kumpanija u sistema ta' bonus ibbażata fuq ir-riżultati. Dan jirreferi wkoll għall-maniġment tal-grupp u tilwim tax-xogħol eventwali f'impjanti differenti. B'mod aktar speċifiku, dan jirreferi għal bidliet perjodiċi fl-iskeda tax-xogħol u fl-organizzazzjoni ta' xifts, skont il-progress tal-produzzjoni (f'Ferrero hemm 3 xifts kuljum u f'xi xhur tas-sena hemm ċrieki kontinwi).

B'mod aktar speċifiku, l-organizzazzjoni tax-xifts u taċ-ċrieki tal-produzzjoni huma l-oġġett ta' tilwim tax-xogħol u ta' negozjar kollettiv, fejn it-trejdjunjins jilgħabu rwol importanti kemm f'termini ta' ftehimiet kollettivi u f'termini ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni għaliex dawn id-deċiżjonijiet għandhom impatt importanti fuq il-kwalità tax-xogħol tal-persunal u fuq ħajjithom, billi din tirreferi wkoll għal xogħol bil-lejl u fi tmiem il-ġimgħa. Il-kumpanija infurmat lill-RSU u lit-trejdjunjins esterni dwar dan is-suġġett u l-RSU u t-trejdjunjins sejħu Assemblea Ġenerali preliminarja biex jinfurmaw lill-impjegati, li ltaqgħu mal-maniġment biex jiddiskutu u wara l-konklużjoni ta' ftehim organizzaw it-tieni Assemblea Ġenerali.

Il-ftehim jippermetti l-individwalizzazzjoni ta' ċrieki kontinwi ta' 4 ijiem xogħol u jumejn ta' mistrieħ għal kull membru tal-persunal. Wara dan il-ftehim, il-kumpanija rrikonoxxiet bonus ta' kuljum għal impjegati li jaħdmu b'mod kontinwu fi ċrieki.

Fil-qasam ta' din it-tilwima tax-xogħol, it-trejdjunjin esterna ġiet involuta fil-fażijiet kollha, billi flimkien mal-RSU sejħet assembleji li kellhom l-għan li jinfurmaw lill-impjegati iżda wkoll assembleji biex jittieħdu d-deċiżjonijiet.
Il-midja tal-massa kienet ukoll involuta matul it-tilwima tax-xogħol, permezz ta' stqarrijiet għall-istampa u ta' intervisti biex jappoġġjaw il-pożizzjonijiet, li t-trejdjunjin ippreżentat fit-tabella ta' konsultazzjoni. MAdankollu, ġie ppruvat li ma kienx hemm bżonn tal-medjazzjoni tal-ispettorat tax-xogħol.